**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

**VIA SAGRA DJOĊESANA**

Appuntament annwali nhar l-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa hi l-Via Sagra Djoċesana li titmexxa minn Mons. Arċisqof.

Din il-Via Sagra Djoċesana se ssir nhar l-Erbgħa, 28 ta' Marzu, fis-7:30 pm (sa mhux aktar tard mid-8:45pm) mill-istatwa ta' Kristu Re sal-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Din is-sena, fid-dawl tas-Sinodu tal-Isqfijiet dwar iż-Żgħażagħ, il-Fidi u d-Dixxerniment, it-test tal-Via Sagra qed jitħejja miż-żgħażagħ tal-MCYN (Malta Catholic Youth Network*)*. Għalhekk tkun ħaġa tajba li ż-żgħażagħ ukoll ikunu mistiedna u inkoraġġiti li jattendu.

Hi x-xewqa ta' Mons. Arċisqof li kull min jista', jieħu sehem f'din il-Via Sagra Djoċesana. Infakkru li m'għandhomx jiġu organizzati attivitajiet reliġjużi fl-istess ħin tal-Via Sagra. Min għandu diġà attivitajiet ta' dat-tip, jieħu nota biex mis-sena li ġejja jħalli liberu l-jum tal-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa filgħaxija.

**ĦAMIS IX-XIRKA**

Kif nagħmlu kull sena, aħna s-saċerdoti niltaqgħu flimkien f'Ħamis ix-Xirka filgħodu, għall-quddiesa mmexxija minn Mons. Arċisqof li fiha jsir it-tberik taż-żjut u t-tiġdid tal-wegħdiet saċerdotali. Il-Quddiesa tibda fid-9am fil-Konkatidral ta' San Ġwann, u għaliha huma wkoll mistednin dawk kollha li jixtiequ jattendu.

Nawgurawlkom l-isbaħ xewqat għaċ-ċelebrazzjoni tat-Tridu tal-Għid li jwassalna għall-akbar festa tagħna, ta' Ġesù Kristu Rxoxt.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, il-Furjana, illum 16 ta' Marzu 2018.

Kanċillier | Vigarju Ġenerali